# DUN XAND CORTIS

## PERSONAĠĠ LI ĦADEM ĦAFNA BIEX STA.VENERA TASAL LI TKUN PARROĊĊA.



Xandru Cortis twieled Ħad-Dingli fil-11 ta' Jannar 1856. Imwieled ir-raba' minn familja ta' ħamest aħwa huwa kien imur skola tal-Gvern u kompla l-istudji tiegħu fis-seminarju u l-universita'.

Meta beda jikber kien imur jaħdem ir-raba ma' missieru fil-għodu fil-waqt li fil-għaxija kien jitgħallem it-Taljan u l-Latin.

Ta' 19 il-sena Xandru daħal fil-kulleġġ ta' San Tumas tad-Dumnikani r-Rabat Malta fejn beda jistudja għal saċerdot. Xandru kien it-tieni wieħed mill-familja Cortis li tħajjar isir saċerdot. Ħuħ Mattew kien qasis hu wkoll. Fil-21 ta' Settembru 1881 Dun Xand ngħata d-dottorat fid-divinita' u sar qassis fis-17 ta' Diċembru ta' l-istess sena.

Il-familja ta' Dun Xand niżlet toqgħod f'Ħal Balzan fl-1886. Hemmhekk huwa dam sentejn jaħdem fil-ħajja parrokkjali tal-lokal sakemm fl-1888 ħuħ Dun Mattew laħaq kappillan ta' Ħal Lija fejn hemm iż-żewġ aħwa marru joqgħodu flimkien.

Duṅ Xand magħruf bħala predikatur u konfessur mill-aqwa iżda żgur li jibqa' magħruf ukoll bħala kittieb, tant li hemm diversi kitbiet magħrufa tiegħu. Kemm dam Ħal Lija kiteb "Tifsir it-Transformazzjoni ta' Sidna Ġesu'".

Iżda d-destin ried li Dun Xand ikollu missjoni oħra fil-lokalita' aktar l-isfel lejn il-Belt. Din id-darba kellha tkun Santa Venera d-destinazzjoni ġdida tiegħu. Kien l-istess Isqof Mons Pietru Paċe li nnomina lil Dun Xand fl-1901 bħala Rettur tal-knisja ta' Santa Venera. Hu kien joqgħod fejn illum insibu Nru. 12A Triq Brail. Maż-żmien Dun Xand beda jistinka biex il-knisja tittieħed minn xi ordni reliġjuża. Inzerta li Dun Xand kien ħabib kbir ta' P. Spiridjun Vassallo ta' l-Ordni Karmelitan li kien ukoll il-konfessur tiegħu u għalhekk Dun Xand irsista ħafna biex il-Karmelitani jieħdu Santa Venera u hekk kien. Il-knisja u l-kunvent għaddew f'idejn il-Karmelitani fit-30 ta' Lulju 1912. Iżda Dun Xand xorta waħda

*ikompli pg. 29*

baqa' jgħix u jaħdem f'Santa Venera. Bl-isforzi kbar tiegħu Santa Venera waslet biex tinqata mill-Arċimatriċi ta' Sant' Elena ta' Birkirkara meta b'digriet ta' l-Isqof Pace fil-11 ta' Marzu 1913 saret Viċi - Parroċċa.

Saħħet Dun Xand bdiet sejra lura. Kien is-17 ta' Frar 1916 li l-ħajja ta' Dun Xand waslet fit-tmiem tal-korsa tagħha, waqt passiġġata flimkien ma' P. Spiridjun Vassallo, Dun Xand miet fit-triq tar-Rabat, fl-Imrieħel. Il-funeral tiegħu sar fid-19 ta' Frar fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Il-mewt ta' Dun Xand inħasset sewwa ma' Malta kollha iżda din il-mewt fuq kollox impediet lil istess Dun Xand milli jara titwettaq il-ħolma tiegħu li Santa Venera ssir parroċċa għalkemm kien jaf li l-futur ta' Santa Venera bħala Parroċċa kien fil-qrib kif fil-fatt seħħ fl-4 ta' Settembru 1918.

Tagħrif miġbur minn:
Sandro Rapinett


CARMELO CISCALDI
CATERERS

REG. TRADE MARK

16/17, Zimelli Street,
Hamrun

Tel: 237926